Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/1027

11.5.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1027

tat-8 ta' Mejju 2026

li jestendi d-deroga mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 rigward id-distanza minima mill-kosta u l-fond minimu tal-baħar għall-bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir "volantina" fl-ibħra territorjali tas-Slovenja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1626/94 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(5) tiegħu,

Billi:

(1) Fid-19 ta' Marzu 2014, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 277/2014 ([2]) li għall-ewwel darba stabbilixxa deroga mill-Artikolu 13(1), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 fir-rigward tad-distanza minima mill-kosta u l-fond minimu tal-baħar għall-bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir "volantina" li jistadu fl-ibħra territorjali tas-Slovenja, li skada fit-23 ta' Marzu 2017. Ingħataw estensjonijiet ulterjuri ta' dik id-deroga bir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2383 ([3]) u (UE) 2022/511 ([4]). L-aktar estensjoni reċenti tad-deroga ġiet stabbilita bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/974 ([5]).

(2) Fid-29 ta' Ottubru 2025, il-Kummissjoni rċeviet talba mis-Slovenja biex testendi d-deroga mogħtija bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/974. Is-Slovenja pprovdiet pjan ta' ġestjoni rivedut, adottat fis-26 ta' Marzu 2026 ([6]), u rapport dwar il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ġestjoni, f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/974, biex jiġġustifikaw l-estensjoni tad-deroga, f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 u tar-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]).

(3) Matul it-80 sessjoni plenarja tiegħu organizzata f'Novembru 2025, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) ([8]) ivvaluta t-talba li jerġgħu jiġu estiżi d-deroga u r-rapport ta' implimentazzjoni. L-STECF ikkonkluda li l-pjan ta' ġestjoni aġġornat huwa komprensiv u jindirizza l-biċċa l-kbira tal-kummenti li tqajmu qabel mill-STECF. Fid-dawl tal-informazzjoni l-ġdida pprovduta mis-Slovenja, l-STECF ikkonkluda li l-kundizzjonijiet għad-deroga għadhom qed jiġu ssodisfati.

([1]) ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1967/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 277/2014 tad-19 ta' Marzu 2014 li jidderoga mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar id-distanza minima mill-kosta u l-fond minimu tal-baħar għall-bastimenti tat-tkarkir "volantina" fl-ibħra territorjali tas-Slovenja (ĠU L 82, 20.3.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2014/277/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2383 tad-19 ta' Diċembru 2017 li jestendi d-deroga mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar id-distanza minima mill-kosta u l-fond minimu tal-baħar għall-bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir "volantina" fl-ibħra territorjali tas-Slovenja (ĠU L 340, 20.12.2017, p. 32, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2017/2383/oj).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/511 tat-30 ta' Marzu 2022 li jestendi d-deroga mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar id-distanza minima mill-kosta u l-fond minimu tal-baħar għall-bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir "volantina" fl-ibħra territorjali tas-Slovenja (ĠU L 103, 31.3.2022, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/511/oj).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/974 tas-16 ta' Mejju 2023 li jestendi d-deroga mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar id-distanza minima mill-kosta u l-fond minimu tal-baħar għall-bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir "volantina" fl-ibħra territorjali tas-Slovenja (ĠU L 132, 17.5.2023, p. 74, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/974/oj).

([6]) Id-Deċiżjoni Nru 34200-2/2026/6 tas-26 ta' Marzu 2026.

([7]) Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1241/oj).

([8]) *Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) – it-80 Rapport Plenarju (STECF-PLEN-25-03)*. L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2025 (https://stecf.ec.europa.eu/document/download/0ad54569-90a8-4b1d-8a23-8bd648296112_en).

(4) Id-deroga mitluba mis-Slovenja tikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(5) u (9) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

(5) B'mod partikolari, hemm limitazzjonijiet ġeografiċi speċifiċi, peress li l-ibħra territorjali tas-Slovenja fl-ebda punt ma jilħqu l-fond ta' 50 metru. Għalhekk, mingħajr deroga, il-bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir "volantina" jistgħu joperaw biss lil hinn minn 3 mili nawtiċi mill-kosta, fejn il-postijiet għas-sajd huma limitati b'mod sinifikanti minn żona dedikata għal rotot ta' navigazzjoni kummerċjali.

(6) Barra minn hekk, il-pjan ta' ġestjoni Sloven jiggarantixxi li fil-ġejjieni ma jkun hemm l-ebda żieda fl-isforz tas-sajd.

(7) It-talba tikkonċerna attivitajiet tas-sajd diġà awtorizzati mis-Slovenja u 11-il bastiment diġà awtorizzati mis-Slovenja biex jistadu, li ġew inklużi f'lista kkomunikata lill-Kummissjoni.

(8) Dawk il-bastimenti għandhom esperjenza fis-sajd ta' aktar minn 5 snin.

(9) L-attivitajiet tas-sajd ikkonċernati jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 peress li s-sajd ma joperax fuq qigħan tal-algi, b'mod partikolari, ta' *Posidonia oceanica* jew fanerogami tal-baħar oħrajn.

(10) Fir-rigward tar-rekwiżit li jikkonformaw mal-qisien minimi tal-malji, id-deroga mitluba tikkonforma mal-Artikolu 8(1)(h) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006, kif sostitwit bl-Artikolu 8(1) u t-taqsima 1 tal-Parti B tal-Anness IX tar-Regolament (UE) 2019/1241 peress li ma tintuża l-ebda malja kwadra ta' inqas minn 40 mm fl-armar tax-xbieki "volantina".

(11) Is-sajd bix-xbieki tat-tkarkir "volantina", tip ta' sajd imħallat, ma jistax isir bi rkaptu ieħor għajr dak itqal tat-"tartana", li madankollu jista' jwassal għal kuntatt ħafna ikbar ma' qiegħ il-baħar u qabdiet ħafna ikbar ta' speċijiet demersali u ma jinterferixxix ma' rkaptu għajr xbieki tat-tkarkir, tartaruni jew xbieki rmunkati simili.

(12) Minkejja li l-bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir "volantina" huma rregolati biex jiġi żgurat li l-qabdiet tal-ispeċijiet imsemmija fil-Parti A tal-Anness IX tar-Regolament (UE) 2019/1241 ikunu minimi, l-STECF innota li l-qabdiet irrappurtati ta' dawn l-ispeċijiet għadhom sostanzjali. Madanakollu kkonkluda li minħabba d-daqs limitat tas-sajd bil-"volantina", dawn il-qabdiet jammontaw għal volum totali ta' ftit għaxriet ta' tunnellati, li jirrappreżentaw biss ammont żgħir ħafna tal-qabdiet totali ta' dawn l-ispeċijiet fit-Tramuntana tal-Baħar Adrijatiku.

(13) Il-bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir "volantina" ma għandhomx fil-mira tagħhom iċ-ċefalopodi. L-STECF ikkonkluda li, għalkemm il-proporzjon tal-qabdiet taċ-ċefalopodi permezz ta' dan is-sajd huwa relattivament għoli, abbażi tal-aħħar rapport ta' implimentazzjoni tal-pjan, dan jirrappreżenta frazzjoni żgħira tal-qabdiet totali ta' dawn l-ispeċijiet fil-Baħar Adrijatiku tat-Tramuntana, filwaqt li jipprovdi sors rilevanti ta' introjtu għall-flotta tas-sajd Slovena.

(14) Il-pjan ta' ġestjoni Sloven jinkludi miżuri għall-monitoraġġ tal-attivitajiet tas-sajd, kif stipulat fl-Artikolu 13(9), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 u fl-Artikoli 14 u 15 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 ([9]).

(15) Għaldaqstant jenħtieġ li l-estensjoni tad-deroga tingħata.

(16) Jenħtieġ li t-tul taż-żmien tad-deroga jiġi limitat biex ikunu jistgħu jittieħdu fil-pront il-miżuri ta' ġestjoni korrettivi jekk ir-rapport lill-Kummissjoni juri li l-istokk sfruttat ikun f'qagħda ħażina ta' konservazzjoni filwaqt li jingħata ambitu biex titjieb il-bażi xjentifika għal pjan ta' ġestjoni mtejjeb.

(17) Billi d-deroga li ngħatat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/974 skadiet fis-27 ta' Marzu 2026, sabiex tiġi żgurata l-kontinwità legali, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mit-28 ta' Marzu 2026. Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza.

([9]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1224/oj).

(18) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Deroga

L-Artikolu 13(1), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 ma għandux japplika fl-ibħra territorjali tas-Slovenja, irrispettivament mill-fond, bejn 1,5 u 3 mili nawtiċi mill-kosta, għal bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir "volantina" u li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) ikollhom numru ta' reġistrazzjoni msemmi fil-pjan ta' ġestjoni Sloven adottat mis-Slovenja skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006;

(b) ikollhom aktar minn 5 snin ta' rekord ippruvat fis-sajd u fil-ġejjieni ma jkunu jinvolvu l-ebda żieda fl-isforz tas-sajd ipprovdut;

(c) ikollhom awtorizzazzjoni għas-sajd u li joperaw skont il-pjan ta' ġestjoni adottat mis-Slovenja f'konformità mal-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

Artikolu 2

Pjan ta' monitoraġġ u rapportar

Fi żmien sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, is-Slovenja għandha tibgħat rapport imfassal f'konformità mal-pjan ta' monitoraġġ stabbilit fil-pjan ta' ġestjoni msemmi fl-Artikolu 1 lill-Kummissjoni.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u perjodu ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-28 ta' Marzu 2026 sas-27 ta' Marzu 2029.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Mejju 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN